MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 14/2005/1

**Grech Maria**
**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti Maria Grech li jghid:

Illi b'ittra ufficjali tad-29 t'April, 2005 notifikata fuq ir-rikorrent fil-5 ta' Mejju, 2005 l-intimat ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza tal-Akkwist ta' l-Artijiet ghall-skopijiet pubblici irriferija ghall-Avviz tal-Gvern Nru 890 ippublikat fil-gazzetta tal-Gvern tad-9 t'Awissu, 2004 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-bicca art Haz-Zebbug tal-kejl ta' madwar 705 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, min nofsinhar ma' propjeta' ta' Joseph Chirchop u mill-Lvant ma' propjeta' ta' Joseph Bonnici u li minnha r-rikorrenti ghandha porzjoni ta' circa 178 metri kwadri, liema porzjon hija mmarkata bhala 1C fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dok X ma' l-istess ittra ufficjali u offra lir-rikorrenti bhala kumpens ghax-xiri

assolut ta’ l-istess propjeta’ s-somma ta’ hames t’elef u mitt lira maltin [Lm5,100] u dan skond stima tal-Perit Arkitett Carmen V. Sutton.

Illi r-rikorrenti trid tikkontesta l-ammont lilha offert bhala kumpens billi dan mhux adegwat u ma jirriflettiex il-valur ta’ l-istess propjeta’ skond il-ligi ; illi r-rikorrenti tipretendi li l-kumpens gust ghall-istess propjeta’ lilha appartenenti huwa ta’ disghin elf lira Maltija [Lm90,000] u dan billi l-art f’dik l-inhawi qieghda tigi trasferita b’rati simili u sahansitra anke l-Awtorita’ pubblika stess kienet involuta f’kuntratti fejn il-prezz kien kif pretiz mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa bhala kumpens ghall-propjeta’ fuq imsemmija appartenenti lir-rikorrenti li qed tigi mill-intimat espropjata ghall-uzu pubbliku taht titolu ta’ xiri assolut s-somma ta’ disghin elf lira Maltija [Lm90,000] u dan flimkien ma’ l-imghax kif stabbilit mill-Ligi mid-data li l-istess Awtorita’ Pubblika hadet pussess ta’ l-art fuq imsemmija u bl-ispejjez tal-prezenti istanza.

Ra r-risposta tad-Direttur ta’ l-Artijiet li tghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors iddatat 11 ta’ Mejju, 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrent oggezzjonat ghall-valur offrut lilha mill-Gvern ta’ hamest’elef u mitt lira Maltin [Lm5,100], ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta’ bicca art gewwa Haz-Zebbug tal-kejl ta’ 705 metri kwadri li minnha r-rikorrent ghandha sehem ta’ cirka 178 metri kwadri u qeghda tippretendi illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta’ disghin elf Lira Maltin [Lm90,000];

Illi l-esponent jixtieq jinforma lil dana l-Onorabbli Bord illi l-ammont offrut mill-Gvern u cioe’ dak citat fl-ittra ufficjali tieghu datata 29 t’April, 2005 huwa dak ta’ sitt elef u tlett mitt lira Maltin [Lm6,300] u mhux dak ta’ hamest elef u mija [Lm5,100] hekk kif ikkwotat fir-rikors tar-rikorrenti.

Illi l-esponent qieghed jibqa jsostni illi l-valur gust tal-art huwa dak fuq citat, u cioe, l-ammont ta’ sitt elef u tlett mitt

Lira Maltin [Lm6,300] u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob illi dana l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta’ sitt elef u tlett mitt Lira Maltin [Lm6,300] bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni tal-art fuq imsemmija.

Semgha x-xhieda;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh f’dan il-kaz lill-periti arkitetti l-AIC Godfrey Vella u AIC Renato Laferla u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b’mod unanimu hekk:

*Wara li hadu in konsiderazzjoni l-fattui kollha li huma hassew li setghu jaffetwaw il-kaz, is-sottofirmati ikkonkludew illi l-kumpens gust li ghandu nithallas ghal dan l-espropriju huwa l-ammont ta’ Lm85,440 (Hamsa u Tmenin Elf Erbgha mija u Erbghin Liri Maltin).*

Illi l-ammont ta’ Lm85,440.00 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 197.996.73 (mija seba u disghin elf disa mija sitta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu)

Illi l-perit arkitett tad-Direttur tal-Artijiet, kienet ghamel stima irruzorja u inkoncepibbli ta’ Lm6,300 filwaqt li r-rikorrenti qed jistenna kumpens fl-ammont ta’ Lm90,000 izda ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilha ghat-trasferiment b’xiri assolut

bhala libera u franka ta' porzjoni ta' art deskritta fl-Avviz tal-Gvern Nru 890 ippublikat fil-gazzetta tal-Gvern tad-9 t'Awissu, 2004 u cioe dik f'Haz-Zebbug tal-kejl ta' madwar 705 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, min nofsinhar ma' propjeta' ta' Joseph Chircop u mill-Lvant ma' propjeta' ta' Joseph Bonnici u li minnha r-rikorrenti ghandha porzjoni ta' circa 178 metri kwadri, fl-ammont ta' **Euro 197.996.73** (mija seba u disghin ef disa mija sitta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------